# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA
# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Wiehed u tletin (31) ta' Ottubru 2023**

**Rikors Numru 294/2020 FDP**

Fl-ismijiet

**Ali Taher Ab Mohammed Saleh (Permess ta' residenza numru MT 2604079) u Passaport Libyan bin-numru PIL 794N3**

**Vs**

**L-Avukat tal-Istat**

**L-Awtorita' tat-Trasport**

**Il-Qorti:-**

1. Rat illi fil-14 ta' Dicembru 2020, ġie ppreżentat rikors fejn ir-rikorrent talab is-segwenti:

   1. *Illi l-esponent huwa ta' Nazzjonalita` Libjana;*

   2. *Illi hu kien wasal Malta, flimkien ma' familtu, f'Awwissu 2014;*

   3. *Dan beda jgħix Malta għalkemm kien isiefer b'mod regolari minħabba negozju li għandu barra minn Malta (bħalissa iżda dan m'għadux il-każ minħabba l-pandemija tal-COVID-19);*

   4. *Il-familja tiegħu hija issa stabbilita f'Malta tant illi uliedu jattendu skola f'pajjiżna;*

5. *Fit-8 t'Ottubru 2015 l-esponent ġab f'Malta minn Sqallija vettura tal-għamla Kia Carnival bin-numru ta' reġistrazzjoni 5-1540962;*

6. *Hu kien ħallas assikurazzjoni fuqha għal perjodu ta' sena bejn l-1 ta' Ottubru, 2015 sat-30 ta' Settembru, 2016 (Dok MS1);*

7. *Illi fit-22 ta' Ġunju, 2016, l-attur ġie mwaqqaf waqt li kien qed isuq il-vettura fi triq f'Tas-Sliema u l-Awtorità minnufih ikkonfiskatlu l-vettura. Biex l-attur seta' jeħles il-vettura, l-Awtorità talbitu jħallas l-ammont komplessiv ta' dsatax-il elf, erba' mija u erbgħa u ħamsin ewro (€19,454). Dan l-ammont kien jinkludi wkoll il-ħlas tat-taxxa ta' reġistrazzjoni fuqha, liema taxxa tammonta għal tmintax-il elf, disa' mija u sebgħa u sittin Euro (€18,967);*

8. *Illi sadattant, biex l-attur seta' jsuq f'Malta, għall-ewwel kera vettura oħra u mbagħad xtara vettura oħra second-hand biex jinqeda (ara provi miġjuba fl-atti tar-Rikors Maħluf PA - 952/2016 JRM – deċiża 23 ta' Jannar 2020);*

9. *Illi permezz ta' pubblikazzjoni fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern tad-9 ta' Awwissu, 2016, tħabbar mill-Awtorità li numru ta' vetturi kienu ser jinbiegħu b'irkant. Fost dawk imsemmija, kien hemm il-vettura in kwistjoni;*

10. *Illi l-attur talab il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni (PA 1311/2016/1 JZM fl-ismijiet: Dr. Dorita Debono bħala mandatarja ta' Ali Taher Ab Mohamed Saleh vs Transport Malta – ċedut) kontra l-Awtorità biex tinżamm milli tipproċedi bil-bejgħ tal-vettura. It-talba tal-attur intlaqgħet provviżorjament b'digriet mogħti fid-9 ta' Settembru, 2016, u fejn l-Awtorità ntrabtet li ma tgħaddix għall-bejgħ tal-vettura sakemm din il-kawża tkun għadha miexja;*

11. *Illi fl-24 ta' Ottubru, 2016, infetħet kawża ta' stħarriġ ta' għemil amministrattiv mill-esponent kontra l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta (Rikors Maħluf PA 952/16JRM) taħt l-Artikolu 469A(1)(b)(ii)(iii) u (iv) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn intalbu rimedji hemmhekk indikati;*

12. *Illi permezz ta' sentenza mogħtija fit-23 ta' Jannar 2020 l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-Awtorita' Għat-Trasport f'Malta u ċaħdet it-talbiet tal-esponent għaliex ma ntweriex illi l-Awtorita' mxiet b'mod arbitrarju jew bi ksur tal-liġi fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħha dwar il-vettura tal-attur iżda dan wara li ppremettiet is-segwenti:*

    *Illi safejn l-attur jgħid li l-każ tiegħu jinbena fuq l-inkostituzzjonalità tal-għemil amministrattiv, din il-Qorti taħseb li l-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju mnedija minnu mhijiex il-mod kif ilment bħal dak ikun mistħarreġ. Illum il-ġurnata huwa aċċettat illi għalkemm f'att li bih tinbeda kawża jsiru riferenzi għall-ksur ta' jeddijiet fundamentali, u għalkemm il-Qorti trid tħares id-drittijiet kollha magħduda dawk li jħarsu d-drittijiet fundamentali, xorta waħda tgħid li proċeduri li*

*jinbdew quddiemha għandhom jitqiesu li huma proċeduri istitwiti taħt il-liġi ordinarja u mhux taħt il-proċedura li tirregola kawżi dwar drittijiet fundamentali tal-bniedem. Jingħad ukoll li azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju ma għandhiex tieħu l-post u lanqas titqies bħallikieku kienet azzjoni kostituzzjonali (jew konvenzjonali). Minbarra dan, ir-rimedju li jista' jingħata f'kawża kostituzzjonali jidher li jkun usa' minn dak li jista' jingħata lir-rikorrenti f'kawża bħal din, jiġifieri dik ta' stħarriġ ġudizzjarju ;*

*Illi fit-tieni lok, il-Qrati wrew li huma disposti li jikkonsidraw ilmenti relatati mad-drittijiet fundamentali f'każ fejn m'hemmx rimedju ieħor. Is-setgħat li l-liġi tagħti lill-Qrati f'azzjonijiet bħal din iridu jitwettqu fil-parametri preċiżi li tistabilixxi l-liġi speċjali. Minn naħa l-oħra, fejn din il-Qorti tissejjaħ biex twettaq is-setgħa tagħha li tistħarreġ għemil ta' xi awtorità pubblika, u x'aktarx minħabba li dan l-istħarriġ huwa r-rimedju waħdieni li jingħata lil min iħossu mġarrab b'dak l-għemil, din għandha twettaqha safejn possibbli u safejn il-liġi ma teskludihiex milli tindaħal, u għandha tagħti lill-esklużjoni tifsira mill-idjaq kontra li terħi milli twettaq is-setgħat tagħha;*

*Illi fit-tielet lok, il-Qorti tqis li l-azzjoni "ordinarja" ta' stħarriġ ġudizzjarju u dik straordinarja ta' lment dwar ksur ta' jedd fundamentali ma jmorrux flimkien. Il-Qrati tagħna diġà stħarrġu l-kwestjoni u kienu ġeneralment ċari dwarha;*

*Illi bilkemm għandu għalfejn jingħad li azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma tistax tistħarreġ liġi, billi liġi ma tista' bl-ebda mod tinġabar taħt it-tifsira ta' "egħmil amministrattiv";*

13. *Illi l-esponent in vista ta' dak hawn fuq premess mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, m'appellax mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u qed jindirizza l-ilment tieghu b'din il-kawża kostituzzjonali anki in vista ta' dak premess mill-istess Prim' Awla tal-Qorti Ċivili dwar l-azzjoni Kostituzzjonali kontra dik msejsa fuq l-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

14. *L-esponent jippremetti illi l-ammont ta' taxxa ta' tmintax-il elf, disa' mija u sebgħa u sittin Euro (€18,967) li ġie mitlub iħallas huwa wieħed eċċessiv u sproporzjonat meta wieħed iqis il-valur attwali tal-vettura fis-suq hekk kif indikat mill-assikurazzjoni tal-esponent u anki meta xtara l-istess vettura l-esponent u għaldaqstant huwa leżiv tad-drittijiet fundamentali tal-esponent taħt l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem għaliex ma jħarisx il-prinċipju tal-proporzjonalita` u huwa leżiv tad-dritt tiegħu ta' proprjeta` u ta' tgawdija tal-istess.*

15. *Lanjanza kostituzzjonali oħra tal-esponent hija illi l-aġir tal-Awtorita` li sar taħt il-Kap. 65 u l-Kap. 368 tal-Liġijiet ta' Malta iwassal għal "konfiska ta' proprjeta` li hija kundanna penali, u individwu ma jistax*

*jiġi kkundannat għal piena punittiva mingħajr huwa qatt ma jkun imputat f'proċeduri ġudizzjarji kif jitlob il-Kap 368 (aktar speċifikament l-Artiklu 21 sub-artiklu 2). Bil-konfiska tal-vettura, l-esponent ġie proċessat in absentia mingħajr l-opportunita` li jiddefendi lilu nnifsu bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Fil-każ odjern l-oġġett tal-konfiska mhuwiex xi oġġett li l-pussess tiegħu huwa projbit mil-liġi għal kull persuna, bħal per eżempju droga, fejn il-konfiska hija erga omnes u ex lege. Illi bl-għemil amministrattiv tal-Awtorita' l-preżunzjoni tal-ħtija tal-esponent hija b'mod assolut u l-Qorti m'għandha ebda diskrezzjoni (ara f'dan is-sentenza s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Ciantar vs Avukat Ġenerali deċiża fil-11 ta' Awwissu 2014 – 79/2012/1).*

16. *Inoltre għalkemm l-konfiska suppost saret in applikazzjoni tal-liġi, dan iżda ma hux suffiċjenti sabiex l-Istat ikun konformi mal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni peress li għalkemm li l-interferenza fil-proprjeta` ta' sid il-vettura da parti tal-Istat tkun waħda " legali" għax saret b'applikazzjoni tal-liġi dan ma jeżentax lill-Istat mid-dover li ma jitfax fuq sid il-vettura konfiskata 'a disproportionate and excessive burden' billi jċaħħdu minn kull opportunita` li jressaq quddiem l-awtoritajiet kompetenti s-sottomissjonijet tiegħu sabiex dawn ikunu jistgħu jagħmlu l-apprezzament tagħhom tal-grad ta' ħtija. Li ġara f'dana l-każ l-intimata qabdet u kkonfiskat il-karozza għax deherilha li r-rikorrent kien ħati (mingħajr proċeduri ġudizzjarji) u għax deherilha li hija kellha raġun li titlob tmintax-il elf disa', mija u sebgħa u sittin (€18,967) u wara li kkonfiskata qabdet biex tqiegħda għal bejgħ bl-irkant.*

17. *Ir-rikorrent spiċċa mingħajr rimedju (Artikolu 13 tal-Kap 319) li la hu adegwat u lanqas effettiv għaliex il-konfiska tal-vettura hija waħda tassattiva u li ma tammettix eċċezzjonijiet. Illi, idur fejn idur, ma hemm l-ebda rimedju ieħor effettiv għall-esponent dwar it-taxxa imposta u għaldaqstant l-uniku rimedju huwa illi l-esponent kellu jadixxi dina l-Qorti.*

18. *Fl-aħħarnett ukoll, kien hemm leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli tal-esponent meta wieħed iqis illi kien hemm ben seba' differimenti għas-sentenza sakemm ingħatat is-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili meta wieħed iqis li kien karozza li kienet konfiskata għand l-Awtorita` għat-Trasport F'Malta u kull ħin li din baqgħet għand l-istess Awtorita' ma tintużax kien qed issir ħsara lill-istess vettura apparti li din kienet qed titlef mill-valur tagħha. L-aħħar seduta qabel l-ewwel differiment għas-sentenza kienet fil-15 ta' Marzu 2018 u s-sentenza ngħatat fit-23 ta' Jannar 2020 bis-segwenti differimenti għas-sentenza:*

- *28 ta' Ġunju 2018*
- *15 ta' Novembru 2018*
- *14 ta' Marzu 2019*
- *13 ta' Ġunju 2019*
- *4 ta' Lulju 2019*
- *31 t'Ottubru 2019*
- *16 ta' Jannar 2020*
- *Ingħatat is-sentenza fit-23 ta' Jannar 2020*

*Jirriżulta għalhekk illi kważi għaddew sentejn biex ingħatat is-sentenza.*

*Għaldaqstant l-esponent jitlob umilment li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

i. *Tordna li ssir l-allegazzjoni tal-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni PA - 1311/2016/1 JZM, fl-ismijiet Dr. Dorita Debono bħala mandatarja ta' Ali Taher Ab Mohamed Saleh, ċeduta, u l-provi hemm kontenuti flimkien mas-sentenza tat-23 ta' Jannar 2020 iservu bħala provi għall-finijiet ta' dan ir-rikors;*

ii. *Tordna li ssir l-allegazzjoni tal-atti tar-Rikors Maħluf PA - 952/2016 JRM u l-provi hemm kontenuti flimkien mas-sentenza tat-23 ta' Jannar 2020 iservu bħala provi għall-finijiet ta' dan ir-rikors;*

iii. *Tiddikjara illi, minħabba illi l-fatt illi l-liġi ta' Malta, senjatament il-Kapitolu 368 u ċioe' l-Att Dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi Bil-Mutur tistabbilixxi taxxa ta' reġistrazzjoni, f'każ ta' vettura mixtrija u rreġistrata minn pajjiż mhux Membru tal-Unjoni Ewropeja, mhijiex waħda raġjonevoli u proporzjonata meta wieħed iqis illi l-valur fis-suq tal-istess vettura in eżami huwa ferm anqas mit-taxxa imposta mil-Liġi, liema taxxa bl-ebda mod ma tista' tinbidel u dan bi ksur ta' dak sanċit mill-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem;*

iv. *Tiddikjara illi l-ordni tal-konfiska tal-vettura tar-rikorrent tat-tip Kia Carnival bin-numru tar-reġistrazzjoni 5-1540962 kif ukoll l-ordni biex l-istess vettura titqiegħed għal bejgħ bl-irkant huma leżivi tad-drittijiet fundamentali tal-esponent u konsegwentement jiksru id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem tal-esponent hekk kif imħarsa mill-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem;*

v. *Tiddikjara illi, minħabba illi l-fatt illi l-liġi ta' Malta senjatament il-Kapitolu 368 u ċioe' l-Att Dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi Bil-Mutur tistabbilixxi taxxa ta' reġistrazzjoni, ma jipprovdix mekkaniżmu jew proċeduri fejn ir-rikorrent jista' effettivament jikkontesta l-konfiska tal-vettura li tkun inqabdet u għalhekk imur kontra artikolu 39 Kostituzzjoni ta' Malta u l-korrispettiv l-artikolu 6 tal- Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem;*

vi. *Tiddikjara illi inkiser id-dritt fundamentali tal-esponent taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni minħabba d-dewmien fl-għoti tas-sentenza rikors maħluf PA - 952/2016 JRM - Deċiża 23 ta' Jannar 2020 li ma ngħatatx fi żmien raġjonevoli;*

vii. *Tiddikjara li ġew miksura d-drittijiet fundamentali tal-esponent taħt l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni billi huwa ma kellux ebda rimedju*

*effettiv għal lanjanzi tiegħu taħt il-Kapitolu 368 u ċioe' l-Att Dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi Bil-Mutur;*

viii. *Tiffissa kumpens pekunarju (danni attwalment sofferti, inkluż, spejjeż tal-proċeduri legali kollha relatati ma' din il-vertenza u spejjeż inkorsi sabiex ir-rikorrent irranġa sabiex ikollu karozza oħra) u non-pekunjarji (morali) għal ksur tad-drittijiet fundamentali tal-esponent anki, jekk ikun il-każ, bil-ħatra ta' periti nominandi;*

ix. *Tillikwida l-istess danni hekk iffissati min dina l-Onorabbli Qorti;*

x. *Tagħti dawk l-ordnijiet u/jew rimedji opportuni, inklużi r-revoka tal-ordni maħruġa mill-Awtorita' għat-Trasport f' Malta, u r-rilaxx tal-vettura msemmija;*

*Bl-ispejjeż tal-preżenti u tal-proċeduri kollha inkorsi mir-rikorrent relatati ma' din il-vertenza, inklużi tal-Mandat ta' Inibizzjoni u r-Rikors Maħluf hawn fuq imsemmija kontra l-intimati.*

2. Rat illi fit-8 ta' Jannar 2021 l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta irrispondiet għal dak mitlub billi qajmet is-segwenti difiżi:

*1. Illi preliminarjament qed jiġi eċċepit illi r-rikorrent naqas milli rimedju ordinarju effettiv li tagħtih il-liġi u ċioe naqas milli jappella mis-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Jannar, 2020 fil-kawża fl-ismijiet 'Dr. Dorita Debono nomine -vs- L-Awtorita' għat-Trasport f'Malta' (Rikors Maħluf Numru 952/16 JRM).*

*2. Illi preliminarjament ukoll qed jiġi eċċepit illi l-ewwel u t-tieni talba kif dedotti fir-rikors promotur ma jista' jingħata ebda pronunzjament dwarhom fis-sentenza aħħarija li għandha tingħata minn din l-Onorabbli Qorti u għalhekk semmai dawn iż-żewġ talbiet kellhom isiru b'rikors waqt il-mori tal-kawża u mhux jikkostitwixxu parti mill-korp ta' talbiet fir-rikors kostituzzjonali promotur.*

*3. Illi fir-rigward tat-tielet u l-ħames talba u s-seba' talba kif dedotti fir-rikors promotur, in kwantu jidher illi r-rikorrent qiegħed jattakka l-validita' ta' liġi (Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, Kap. 368 tal-Liġijiet ta' Malta) jew ta' xi parti minnha u/jew ta' xi allegati nuqqasijiet fl-imsemmija liġi li jilledu d-drittijiet fundamentali tal-bniedem, kjarament l-Awtorita' rispondenti mhijiex il-leġittimu kontradittur stante illi l-Awtorita' rispondenti hija regolatur u ma tippromulga ebda liġi.*

*4. Illi kjarament ukoll l-Awtorita' rispondenti mhijiex il-leġittimu kontradittur fir-rigward tas-sitt talba kif dedotta fir-rikors promotur u ċioe' dik rigwardanti l-allegat dewmien fl-għoti tas-sentenza.*

*5. Illi fil-mertu qed jiġi eċċepit illi assolutament mhuwiex minnu illi ġew leżi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif protetti bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u ċioe' d-dritt għat-*

*tgawdija tal-proprjeta'. Huwa prinċipju mill-iktar kardinali illi l-Istat u l-varji organi tiegħu għandhom id-dritt illi jiġbru u jeżattu varji taxxi – inkluż it-taxxa ta' reġistrazzjoni fuq vetturi li jiġu impurtati f'Malta – sabiex ikun f'pożizzjoni li, bil-ħlasijiet hekk miġbura, ikun jista' jaqdi l-funzjonijiet u l-obbligazzjonijiet tiegħu. Tant hu hekk illi l-ħlasijiet ta' taxxi huma speċifikament esklużi mill-ambitu tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Di fatti, il-proviso tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi kif ġej:*

*"Iżda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma għandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt tal-Istat li jwettaq dawk il-Liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjeta' skond l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni."*

*Dan hu pjenament refless ukoll fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jipprovdi fis-subinċiż (2) kif ġej:*

*"Ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma għandha tiftiehem li tolqot l-egħmil jew il-ħdim ta' xi liġi sa fejn tipprovdi għat-teħid ta' pussess jew akkwist ta' proprjeta' –*
*(a) Bi ħlas ta' xi taxxa, rati jew drittijiet".*

*6. Illi essenzjalment ir-rikorrent qed jilmenta ksur tad-dritt fundamentali tiegħu għat-tgawdija tal-proprjeta' għaliex, skond hu:*

*(i) l-ammont ta' taxxa ta' reġistrazzjoni mitlub huwa eżaġerat;*
*(ii)Illi huwa ġie deprivat mill-vettura peress li din ġiet konfiskata u għalhekk tali aġir jikser il-Kostituzzjoni u l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni;*
*(iii)Illi ġew leżi d-drittijiet fundamentali tiegħu għal smiegħ xieraq u ma ngħatax rimedju effettiv.*

*7. Illi, f'dan ir-rigward, l-Awtorita' rispondenti tagħmel riferenza għas-segwenti provvedimenti tal-liġi minnha applikati fid-deċiżjoni tagħha li tikkonfiska l-vettura u li tirrifjuta t-talba tar-rikorrent biex jesporta mill-ġdid il-vettura de quo agitur bla ma jħallas it-taxxa ta' reġistrazzjoni -:*

*(i) l-artikolu 2A(1) tal-Kap. 368 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi kif ġej:*

> *"L-ebda persuna ma għandu jkollha fil-pussess tagħha jew taħt ir-responsabbiltà tagħha xi vettura bil-mutur li ma tkunx ġiet irreġistrata ma' l-Awtorità u li fuqha t-taxxa ta' reġistrazzjoni applikabbli ma tkunx tħallset sakemm -*
>
> *(a) dik il-persuna ma tkunx il-manifattur awtorizzat, aġent jew bejjiegħ tal-vetturi bil-mutur u li l-vettura fil-pussess tagħha jew taħt ir-responsabbiltà tagħha ma titħalliex wieqfa fit-triq jew ma tkunx qed tiġi użata fuq it-triq, jew*

*(b) il-vettura tkun reġistrata f'pajjiż ieħor u tkun tista' tintuża temporanjament fit-toroq f'Malta skont l-artikolu 18".*

*Kjarament ir-rikorrent ma jaqax la taħt paragrafu (a) u lanqas taħt paragrafu (b) u għalhekk huwa kellu d-dmir illi jirreġistra l-vettura de quo agitur mal-Awtorita' rispondenti u jħallas it-taxxa ta' reġistrazzjoni relattiva.*

*(ii)ir-Regolament 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 -:*

*"Ebda persuna ma għandu jkollha fil-pussess tagħha jew taħt ir-responsabbiltà tagħha vettura bil-mutur li ma tkunx ġiet reġistrata mal-Awtorità sakemm –*

*(a)dik il-persuna ma tkunx il-manifattur awtorizzat, aġent jew negozjant tal-vetturi bil-mutur u li l-vettura fil-pussess tagħha jew taħt ir-responsabbiltà tagħha ma tkunx qed tiġi użata fit-triq; jew*

*(b)il-vettura ma tkunx soġġetta għal eżenzjoni taħt l-Att; jew*

*(c) il-vettura hija registrata f'pajjiż ieħor u hija użata minn persuna li għandha r-residenza normali tagħha f'Malta għal perjodu ta' mhux aktar minn tletin ġurnata kalendarja konsekuttiva li jibdew jgħoddu mid-data tal-wasla ta' dik il-vettura f'Malta u dik il- vettura ma tkunx ġiet użata fit-triq f'Malta matul l-aħħar tliet mija u ħamsa u sittin ġurnata qabel il-wasla tagħha f'Malta".*

*(iii)is-subinċiż (2) tal-artikolu 2A tal-Kap. 368 li jipprovdi kif ġej:*

*"L-ebda vettura bil-mutur ma għandha tintuża fuq it-triq mingħajr liċenzja ta' ċirkolazzjoni maħruġa mill-Awtorità sakemm dik il-vettura ma tkunx soġġetta għal eżenzjoni taħt dan l-Att jew ikollha liċenzja ta' ċirkolazzjoni valida maħruġa minn awtorità kompetenti f'pajjiż ieħor".*

*8. Illi, applikati dawn il-provvedimenti tal-liġi għall-fatti illi huma riskontrabbli fil-każ odjern, ir-rikorent la rreġistra l-vettura in kwistjoni mal-Awtorita' rispondenti, la ħallas it-taxxa tar-reġistrazzjoni u allura lanqas m'ottjena liċenzja ta' ċirkolazzjoni maħruġa mill-Awtorita' rispondenti sabiex ikun jista' juża l-imsemmija vettura fit-triq pero mbagħad għaliex l-Awtorita' rispondenti ħadet il-passi li, bħala r-regolatur, kienet obbligata illi tieħu skond il-liġi, qed jilmenta li ġie miksur id-dritt tiegħu għat-tgawdija tal-proprjeta'! Allura bl-istess argument kull min jgħix f'pajjiżna jista' jilmenta illi qed jiġi miksur id-dritt tiegħu għat-tgawdija tal-proprjeta' għaliex l-Istat jeżiġi illi huwa jħallas it-taxxa ! Dan kjarament huwa argument bla ebda bażi u li ma jreġġix.*

*9. Illi l-artikolu 6(1) tal-Kap. 368 jipprovdi li, sakemm vettura ma tkunx tgawdi minn xi eżenzjoni (li mhuwiex applikabbli fil-każ odjern), allura tali vettura hija soġġetta għall-ħlas ta' taxxa ta' reġistrazzjoni skond kif provdut fl-artikolu 3(2) tal-Kap. 368. Il-vettura in kwistjoni hija hekk soġġetta għall-ħlas ta' taxxa ta' reġistrazzjoni li pero baqgħet ma tħallsitx u għalhekk l-*

*azzjonijiet meħuda mill-Awtorita' rispondenti kienu korretti, ġusti, ekwi u proporzjonali.*

*10.Illi dwar il-lanjanza ta' nuqqas ta' smiegħ xieraq u nuqqas ta' rimedju effettiv, l-Awtorita' rispondenti ttenni illi l-aġir abbużiv tar-rikorrent kien jirriżulta bl-iżjed mod ċar mill-fatt li dil-vettura li kienet ilha li ġiet importata f'Malta għal iżjed minn tmien xhur kienet għadha qed tinstaq u tintuża fit-toroq Maltin mingħajr liċenzja u mingħajr ma ġiet reġistrata mal-Awtorita' intimata, u għalhekk l-Awtorita' kienet korretta fil-passi illi ħadet fil-konfront tar-rikorrent anzi, kif fuq diġa' ribadit, kienet tonqos mid-dmirijiet tagħha bħala awtorita' pubblika u regolatorja kieku naqset milli tagħmel dan. Ir-rikorrent kellu kull opportunita' li jippreżżnta applikazzjoni għall-eżenzjoni mill-ħlas tat-taxxa ta' reġistrazzjoni quddiem it-Transfer of Residence Exemption Board iżda naqas milli jagħmel dan; kellu kull dritt ukoll li jappella mid-deċiżjoni tal-Awtorita' intimata quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva iżda naqas milli jagħmel dan ukoll. Għalhekk wieħed ma jistax jifhem għaliex ir-rikorrent qed jilmenta min-nuqqas ta' rimedju effettiv. It-taxxa ta' reġistrazzjoni li qed jiġi mitlub li jħallas hija dik korretta maħduma skond il-provvedimenti tal-Kap. 368 tal-Liġijiet ta' Malta u tapplika ergo omnes u mhux fil-konfront tiegħu biss.*

*11.Illi t-talbiet tar-rikorent għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni, tal-inqas in kwantu dedotti fil-konfront tal-Awtorita' rispondenti, huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.*

*12.Illi b'mod ġenerali t-talbiet tar-rikorrent huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt (tal-inqas in kwantu diretti fil-konfront tal-Awtorita' rispondenti) u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.*

*13.Salv eċċezzjonijiet ulterjuri li talvolta jkunu permissibbli skond il-liġi.*

3. Rat illi fl-20 ta' Jannar 2021, L-Avukat tal-Istat ippreżenta risposta fejn qajjem is-segwenti difiżi:

*1. Illi preliminarjament, safejn l-ilment tar-rikorrenti jinsab dirett kontra l-Kap 368 tal-Liġijiet ta' Malta fir-rigward tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoli tal-Konvenzjoni Ewropea huwa insostenibbli għaliex tajjeb li jingħad li l-proviso tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-imsemmija Konvenzjoni jisħaq:*

> *"Iżda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma għandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjeta' skont l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni." (Enfażi miżjud);*

*Illi magħdud mal-premess, lanqas ma japplika l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni għal-lanjanzi tar-rikorrenti, di fatti l-Artikolu 37(2)(a) tal-Kostituzzjoni ta' Malta speċifikament jipprovdi li:*

> *“(2) Ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma għandha tiftiehem li tolqot l-għemil jew ħdim ta' xi liġi safejn tipprovdi għat-teħid ta' pussess jew akkwist ta' proprjeta' –*
>
> *(a) bi ħlas ta' xi taxxa, rata jew drittijiet;*
> *(b) bħala penali għal, jew bħala konsegwenza ta', ksur tal-liġi, sew jekk bi proċeduri Ċivili jew wara dikjarazzjoni ta' ħtija ta' reat kriminali;*
> *(h) fl-esekuzzjoni ta' sentenzi jew ordnijiet ta' qrati;"*

*2. Illi inoltre dwar l-ilment tal-allegata sproporzjon fir-rata tat-taxxa, jiġi rilevat li fil-każ tar-rikorrent, l-ammont tat-taxxa li qiegħed jipperċepixxi mhuwiex sproporzjonat tenut ukoll kont tal-fatt li f'ċirkostanzi bħal dawn, fejn jeżisti interess ġenerali leġittimu, ma jistax isir paragun mal-valur kurrenti tal-vettura fis-suq ħieles kif pretiż mir-rikorrent u dan għaliex it-taxxa ta' reġistrazzjoni ta' vettura tiġi kkalkolata ai termini tar-regolamenti u l-Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta' Malta u skont il-valur oriġinali tal-vettura, ċioe' meta l-vettura ġiet mixtrija l-ewwel darba filwaqt li tagħti lok għal deprezzament;*

*Illi b'żieda ma' dan, fis-sentenza bir-rikors numru 952/16JRM fl-ismijiet Dr Dorita Debono nomine vs. L-Awtorita' għat-Trasport f'Malta, liema proċeduri infetħu mir-rikorrenti kontra l-intimat l-ieħor, l-Onorabbli Qorti kkunsidrat:*

> *“Illi jibda biex jingħad li minkejja li l-Att isemmi numru ta' ċirkostanzi meta persuna tista' tingħata lura il-ħlas ta' taxxa ta' reġistrazzjoni mħallsa, fil-każ ta' l-attur, l-Awtorità ma kellhiex is-setgħa mil-liġi li tagħti lura tali rifużjoni billi l-attur ma jikkwalifikax għaliha. Dan ifisser li l-Awtorità kellha jdejha marbuta bil-liġi li tiġbor it-taxxa dovuta u ma kellha ebda diskrezzjoni x'setgħet teżerċita fil-konfront ta' l-attur. Minn naħa l-oħra, kif sewwa tgħid l-Awtorità, kien l-attur innifsu li ġab fuqu dik il-qagħda meta naqas li jirreġistra l-vettura fiż-żmien preskritt wara li daħħalha f'Malta u meta beda jinqeda biha u jsuqha meta ma kienx regolarizzat. Dan jistqarru huwa stess imma jgħid li dan sar “bi żvista minħabba l-istat li kien fih dakinhar” u li “kien nesa japplika minħabba ħsibijiet l-oħra li kellu minħabba t-traslokazzjoni u l-għarfien limitat tat-termini tal-liġi Maltija – post ġdid għalih”;*
>
> *“Illi dan kollu jixhed li (i) l-Awtorità mxiet ma' dak li tipprovdi l-liġi u ma ntweriex li hija marret lil hinn minn dak preskritt. Kemm hu hekk, l-attur jilminta mill-fatt li l-Awtorità mxiet “ad unguem” mad-dispożizzjonijiet tal-liġi waqt li kienu għaddejjin taħdidiet bejnu u bejnha. Iċ-ċirkostanzi fuq imsemmija juru wkoll li (ii) fid-dispożizzjonijiet rilevanti li l-liġi tippreskrivi, l-Awtorità ma wettqet l-ebda diskrezzjoni, imma ħaddmet l-istess dispożizzjonijiet. Fuq kollox, ħareġ ukoll (iii) li dak li għadda minnu l-attur proprio kien il-frott ta' nuqqas min-naħa tiegħu li nissel il-konsegwenzi li l-liġi taħseb għalihom: qajla, għalhekk, jista' jingħad li l-Awtorità tista' taħti għall-ħsara li jgħid li ġarrab jekk kulma għamlet kien li ħaddmet il-liġi”;*

*3. Illi l-għan wara l-introduzzjoni tal-Kap 368 u l-emendi li sarulu matul is-snin kien li jindirizza l-irresponsabbilta' ta' nies illi ma jaderixxux mal-liġi billi jħallsu t-taxxa dovuta fuq l-importazzjoni tal-vettura tagħhom. Il-leġislatur introduċa l-possibilita' li jekk it-taxxa dovuta ma titħallasx, il-vettura tiġi konfiskata;*

*Illi din l-ordni ta' konfiska hija konsegwenza tal-liġi minħabba n-nuqqas tar-rikorrent li jaderixxi mal-liġi u jħallas it-taxxa dovuta, u dan kif ukoll diġa intqal mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża bir-rikors numru 952/16JRM fl-ismijiet Dr Dorita Debono nomine vs. L-Awtorita' għat-Trasport f'Malta:*

> *"Fuq kollox, ħareġ ukoll (iii) li dak li għadda minnu l-attur proprio kien il-frott ta' nuqqas min-naħa tiegħu li nissel il-konsegwenzi li l-liġi taħseb għalihom";*

*Illi pero' l-liġi ma twaqqafx lil dawk il-persuni li jirnexxielhom jippruvaw illi huma kienu ħallsu t-taxxa jew inkella li wara l-konfiska jħallsu t-taxxa dovuta milli jitolbu r-rilaxx tal-vettura in kwistjoni;*

*Illi mis-suespost jirriżulta għalhekk li permezz ta' dawn il-provvedimenti l-leġislatur laħaq bilanċ ġust bejn il-ħtieġa li jindirizza l-irresponsabbilta' ta' persuni li ma jħallsux it-taxxa dovuta mad-drittijiet tal-istess persuni għar-rilaxx tal-proprjeta' tagħhom jekk iħallsu din it-taxxa dovuta skont il-liġi;*

*Illi għalhekk l-esponent jikkontendi illi l-Kap 368 mhuwiex leżiv tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent;*

*4. Illi fid-dawl tal-allegazzjoni illi l-konfiska saret bi ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jingħad illi kuntrarjament għal dak allegat mir-rikorrent, it-teħid tal-vettura in kwistjoni sar u huwa ġustifikat skont il-liġi;*

*Illi fis-sentenza bir-rikors numru 952/16JRM fl-ismijiet Dr Dorita Debono nomine vs. L-Awtorita' għat-Trasport f'Malta, li illum hija res judicata stante li r-rikorrenti m'appellax minnha, l-Onorabbli Qorti kkunsidrat illi:*

> *"Għaldaqstant iċ-ċirkostanzi li l-liġi tippermetti li persuna tista' ġġib vettura f'Malta mingħajr ma tħallas it-taxxa ta' reġistrazzjoni fuqha ma jgħoddux għalih, u l-Awtorita' kellha kull setgħa bil-liġi li toħroġ ordni ta' konfiska fuq il-vettura;"(emfażi miżjuda);*

*5. Illi sa fejn ir-rikorrenti jilmenta illi l-Kap 368 ma jipprovdix mekkaniżmu jew proċeduri fejn ir-rikorrent jista' jikkontesta l-konfiska tal-vettura b'leżjoni tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, jiġi eċċepit illi dawn l-artikoli ma japplikawx għal proċeduri amministrattivi ta' Awtoritajiet iżda biss għal proċeduri li jkunu diġa' inbdew quddiem il-Qorti;*

*Illi inoltre l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem mhux applikabbli għax f'dan il-każ ma ġewx determinati la jedd ċivili u lanqas obbligi ċivili;*

*6. Illi safejn l-ilment tar-rikorrenti jinsab imsejjes fuq l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea, dan huwa konċettwalment ħażin. Dawn il-proċeduri kostituzzjonali stess għandhom is-saħħa li jagħtu imedju lir-rikorrenti jekk jinstab li verament ġew miksura xi drittijiet imħarsa taħt il-Konvenzjoni Ewropea. L-artikolu 13 ma jeżiġix xi proċedura partikolari dwar kif għandu jingħata r-rimedju, iżda l-importanti huw li jingħata rimedju effettiv quddiem awtorita' nazzjonali;*

*Illi inoltre, l-esponent jeċċepixxi illi r-rikorrent kellu r-rimedju ordinarju effettiv li jappella mis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili deċiża fit-23 ta' Jannar 2020 bl-ismijiet ta' Dr Dorita Debono nomine vs. L-Awtorita' għat-Trasport f'Malta biċ-ċitazzjoni numru 952/16JRM, liema rimedju ordinarju r-rikorrent ma użax. Illi jsegwi għalhekk illi ladarba r-rikorrenti kellu wkoll il-fakolta' illi jappella minn din id-deċiżjoni jekk ma qabilx mal-konklużjoni tagħha, ma jistax juża l-fakolta' ta' proċeduri kostituzzjonali sabiex donnu jagħmel appell minn din id-deċiżjoni;*

*Illi barra minn hekk, rimedji alternattivi u ordinarji kellu saħansitra qabel ma fetaħ kawża ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, bħal per eżempju ir-rimedju li jinbdew proċeduri quddiem it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrativa;*

*Illi jsegwi għalhekk li din il-konfiska setgħet tiġi attakkata b'rimedji ordinarji u għaldaqstant il-provvedimenti tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem huwa pjenament rispettat u m'għandu jinstab ebda ksur tiegħu;*

*7. Illi fir-rigward tal-lanjanza tar-rikorrenti abbażi ta' allegat ksur ta' artikolu 6 tal-Konvenzjoni minħabba dewmien fl-għoti tas-sentenza rikors maħluf PA 952/2016JRM, l-ewwelnett jingħad illi r-rikorrenti għandu jġib prova li tabilħaqq kien hemm dewmien irraġjonevoli fil-proċeduri msemmija, u li ġarrab ħsara minħabba dan id-dewmien;*

*Illi għalkemm il-kawża ċivili damet b'kollox ftit iżjed minn erba' snin sabiex inqatgħet, ma jfissirx b'daqshekk li awtomatikament għandu jinstab li kien hemm dewmien irraġjonevoli jew dewmien attriwibbli lill-Istat. Fil-fatt, hija ġurisprudenza kostanti u stabbilita li l-irraġjonevolezza taż-żmien m'għandux jiġi determinat fl-astratt jew min numru ta' snin li tkun damet għaddeja l-kawża, imma għandu jitqies fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li jkun;*

*Illi jingħad ukoll illi l-ewwel seduta f'din il-kawża inżammet nhar is-6 ta' Diċembru 2016, u s-sentenza ingħatat fit-23 ta' Jannar 2020, għaldaqstant ftit iżjed minn erba' snin wara, madanakollu kien ir-rikorrenti stess illi ħa sitt seduti biex jippreżenta l-provi tiegħu stess kif jidher mill-verbali tal-istess kawża;*

*Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, meta kawża tkun ilha pendenti għas-sentenza quddiem Qorti partikolari għal tmintax-il xahar jew aktar, il-liġi viġenti taħseb għal dan u tipprovdi rimedju permezz tal-artikolu 195(5)(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jippermetti lil kwalunkwe parti fil-kawża sabiex permezz ta' rikors jitolbu lill-Prim Imħallef sabiex jassenja l-kawża lil ġudikant ieħor. Illi f'dan il-każ, dan il-perjodu ma nqabiżx;*

*Illi madanakollu jingħad ukoll li ma hemm l-ebda time-limit li l-Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proċedura quddiemha għax inkella l-interessi tal-ġustizzja jiġu ppreġudikati minħabba għaġla żejda;*

*8. Illi fl-aħħarnett, fir-rigward tat-talba numru (viii) fir-rikors promotur għall-kumpens pekunarju u non-pekunarju, jingħad illi bħalma ingħad tajjeb fis-sentenza fuq imsemmija bir-rikors numru 952/2016JRM, l-Awtorità ma kellhiex is-setgħa mil-liġi li tagħti lura tali rifużjoni billi l-attur ma jikkwalifikax għaliha u għaldaqstant m'hemmx lok għal kumpens. In ogni caso, m'hemmx bżonn ta' ħatra ta periti nominandi stante li l-ammont ta' taxxa jiġi stabbilit mill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta ai termini tal-liġijiet imsemmija;*

*9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Għaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad il-pretensjonijiet kif dedotti fir-rikors promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt ġjaladarba r-rikorrent ma sofra l-ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fondamentali, u dan bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent.*

## Provi

4. Rat li fit-8 ta' Frar 2021, din il-Qorti ordnat li l-atti tal-kawża 952/2016 fl-ismijiet "Dr Dorita Debono noe vs Awtorità għat-Trasport", kif ukoll l-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-istess ismijiet 1311/2016 jiġu allegati mal-proċedura odjerna.

5. Rat li fit-8 ta' Frar 2021, ġie verbalizzat li in vista ta' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-awtorita', li r-rikorrent ħass li ma kellux jippreżenta appell mis-sentenza Rikors numru 952/2016, iżda minflok ressaq l-ilment Kostituzzjonali odjern.

6. Rat l-affidavit tar-rikorrent **Ali Taher Ab Mohammed Saleh** bil-lingwa Ingliża ippreżentat fit-18 ta' Ġunju 2021 (fol 37).

7. Rat li fil-11 ta' Jannar 2022, ġie appuntat l-espert Natalino Agius, sabiex jaċċedi fejn il-vettura tinsab illum, jagħmel rapport dwar il-vettura u l-istat kif inhi llum, u dwar x' tip ta' vettura hi, x' faċilitajiet għandha u jistabbilixxi l-valuri tal-vettura kemm ta' dakinhar tal-konfiska, ossija 22 ta' Ġunju 2016, kif ukoll ta' llum il-ġurnata.

8. Semgħet ix-xhieda ta' **Brian Farrugia**, rappresentant ta' Transport Malta, mogħtija fil-11 ta' Jannar 2022 (fol 46) u rat id-dokumenti minnu eżebiti (fol 49 *et sequitur*).

9. Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku **Natalino Agius** ippreżentat fid-9 ta' Frar 2022 (fol 63 *et sequitur*).

10. Semgħet ix-xhieda ulterjuri ta' Brian Farrugia mogħtija fis-27 ta' Ottubru 2022 (fol 79).

11. Semgħet ix-xhieda ta' Brian Farrugia in kontro-eżami tad-9 ta' Frar 2023 (fol 86).

12. Rat li fid-9 ta' Frar 2022, il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet finali wara li ngħalqu l-provi tal-partijiet.

13. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent Ali Taher Ab Mohammed Saleh tal-21 ta' Marzu 2023 (fol 97).

14. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta ippreżentata fil-21 ta' Marzu 2023 (fol 116).

15. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-Avukat ta' l-Istat tat-23 ta' Ġunju 2023 (fol 125 *et sequitur*).

## Fatti tal-każ

16. Jirriżulta li r-rikorrent huwa ta' nazzjonalità Libjana, kien wasal f'Malta ma' familtu f'Awwissu 2014. Jirriżulta li fit-8 ta' Ottubru 2015, ir-rikorrent ġab f'Malta vettura Kia Carnival numru ta' reġistrazzjoni S-1540962, liema vettura ġiet mill-Libja. Jirriżulta wkoll li ħallas l-assigurazzjoni fuqha għal perjodu ta' sena bejn l-1 ta' Ottubru 2015 u t-30 ta' Settembru 2016 Dok MS1 (fol 9).

17. Jirriżulta li f'Ġunju 2016, ir-rikorrent ġie imwaqqaf milli jkompli jsuq il-vettura, il-vettura ġiet ikkonfiskata mill-Awtorità għat-Trasport u ntalab iħallas l-ammont ta' €19,454 li tinkludi it-taxxa tar-reġistrazzjoni.

18. Jirriżulta li sussegwentement, ir-rikorrent talab il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni PA 1311/2016/1 fl-ismijiet "*Dr. Dorita Debono bħala mandatarja ta' Ali Taher Ab Mohammed Saleh vs Transport Malta*", kontra l-awtorita biex tinżamm milli tipproċedi bil-bejgħ tal-vettura b'irkant. Permezz ta' digriet tad-9 ta' Settembru 2016, ir-rikors intlaqa' proviżorjament, u l-awtorita intrabtet li ma tgħaddix għall-bejgħ tal-vettura sakemm proċeduri illi huwa kien nieda, Rikors Ġuramentat Nru 952/2016, jiġu deċiżi – tali proċeduri ġew deċiżi kontra r-rikorrent fit-23 ta' Jannar 2020.

## Difiżi Preliminari tal-Awtorita` għat-Trasport f'Malta

## L-Ewwel Eċċezzjoni Preliminari tal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta

19. L-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Awtorita ghat-Trasport, hija li r-rikorrent naqas milli juża r-rimedju ordinarju effettiv li ttih il-liġi, billi ma appellax mis-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-23 ta' Jannar 2020 fil-kawża fl-ismijiet Dr. Dorita Debono noe vs l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta (Rikors numru 952/16JRM).

20. Illi huwa minnu li r-rikorrent ma appellax mis-sentenza deċiża mil-Prim' Awla Qorti Ċivili suċitata, fatt minnu stess ammess. Madankollu, din il-Qorti tosserva li l-fatt li ma appellax minn din is-sentenza ma jfissirx li huwa ma eżawriex ir-rimedju ordinarju. Il-fatt li huwa ma appellax minn din is-sentenza ifisser li huwa aċċetta l-konklużjoni f'dik is-sentenza iżda ma jistax jitqies illi huwa tilef id-dritt sabiex jipproteġi d-drittijiet fundamentali tiegħu b'tali deċiżjoni.

21. Għaldaqstant, tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta.

**It-Tielet Eċċezzjoni Preliminari tal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta**

22. Tramite it-tielet eċċezzjoni preliminari l-Awtorità sostniet li, b'referenza partikolari għat-tielet, il-ħames u s-seba' talbiet tar-rikorrenti, kif ukoll dawk anċillari, fejn ir-rikorrent qed jattakka l-validita tal-liġi, ossija l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, l-Awtorità mhijiex il-leġittimu kontradittur, għaliex l-Awtorita' hija biss regolatur, u ma tippromulgax ebda liġijiet.

23. Jirriżulta, mill-provi, li effettivament l-Awtorità għat-Trasport f'Malta hija responsabbli biex tħaddem u tapplika l-liġi, u ma hijiex responsabbli sabiex tippromulga Liġijiet, stante li l-leġiżlazzjoni issir esklussivament mil-leġiżlatur.

24. Fil-każ in eżami, huwa evidenti li permezz fit-talbiet tiegħu, ir-rikorrent jattakka direttament il-kostituzzjonalita` tal-Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta' Malta, ossija l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-mutur, fejn qed jilmenta li il-liġi mhijiex raġonevoli u proporzjonata f'każ ta' vettura mixtrija u rreġistrata minn pajjiż li mhuwiex membru tal-Unjoni Ewropea, peress li l-valur fis-suq ta' l-istess vettura in kwistjoni ikun ferm anqas mit-taxxa imposta mil-liġi.

25. Jirriżulta wkoll li r-rikorrent qed jilmenta ukoll mill-fatt li ġew miksura d-drittijiet fundamentali tiegħu taħt l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea billi ma kellux ebda rimedju effettiv għal-lanjanzi tiegħu.

26. Jirriżulta wkoll illi t-talbiet l-oħra huma lkoll anċillari għat-talbiet ta' ksur kif fuq aħjar deskritti, liema talbiet lkoll jirrigwardaw l-leġislazzjoni kif promulgata u mhux fuq xi azzjoni tal-Awtorita'.

27. Huwa ċar illi, għaldaqstant, din il-Qorti, ser tilqa' it-tielet eċċezzjoni preliminari tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta u tiddikjara li, l-Awtorità għat-Trasport f'Malta mhijiex il-leġittimu kontradittur.

**Ir-Raba' Eċċezzjoni Preliminari tal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta**

28. Fir-raba' eċċezzjoni preliminari, l-Awtorita' intimata issottomettiet ukoll li mhijiex il-leġittimu kontradittur fir-rigward tas-sitt talba kif dedotta, rigwardanti l-allegat dewmien fl-għoti tas-sentenza fl-ismijiet Dr. Dorita Debono nomine vs l-Awtorita ghat-Trasport f'Malta (Rikors Numru 952/16JRM).

29. Mhuwiex bl-ebda mod ikkontestat, illi l-awtorita' intimata m'għandhiex tirrispondi għas-sitt talba kif dedotta fir-rikors promotur. Tant huwa hekk, li fil-fatt, ir-rikorrent fis-sottomissjonijiet finali tiegħu, ikkonferma li l-Awtorità għat-Trasport f'Malta m'għandhiex tirrispondi għall-ilment tiegħu fis-sitt talba dwar id-dewmien fil-kawża Rikors Numru 952/2016).

30. Għaldaqstant, tilqa' r-raba' eċċezzjoni preliminari tal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta, u tiddikjara li l-awtorita' intimata mhijiex il-leġittimu kontradittur fir-rigward tas-sitt talba kif dedotta.

31. Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda tillibera mill-osservanza tal-ġudizzju lill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta, illi qatt ma kellha tkun parti fil-kawża.

## Meritu tal-każ

32. Din il-Qorti ser issa tgħaddi biex tikkunsidra it-talbiet u l-eċċezzjonijet fuq il-mertu tal-każ.

33. L-ewwel u qabel kollox, jirriżulta illi l-ewwel u tieni talba tar-rikorrenti kienu l-allegazzjoni ta' atti proċesswali, liema atti sussegwentement ġew allegati mal-proċeduri odjerni, u għalhekk din il-Qorti ser tastjeni milli tkompli tqishom.

34. Jibda biex jingħad, li dan il-każ Kostituzzjonali jirrigwarda żewġ ilmenti prinċipali.

    a. Ilment dwar l-applikabilita tal-Kapitolu 368
    b. Ilment dwar dewmien tal-proċeduri 952/2016 deċiża fit-23 ta' Jannar 2020.

## <u>Ilment li tikkonċerna l-Kap 368.</u>

35. L-ewwel ilment jirrigwarda allegat ksur tad-dritt fondamentali tar-rikorrent għat-tgawdija tal-proprjetà għaliex skont hu, l-ammont ta' taxxa tar-reġistrazzjoni mitlub fuq il-vettura impurtata minnu huwa esaġerat. F'dan ir-rigward huwa qed jattakka direttament il-kostituzzjonalità tal-Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta' Malta.

36. Inoltre`, huwa jilmenta wkoll li ġew leżi d-drittijiet fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq, billi ma ngħatax rimedju effettiv. Għalhekk, qed jilmenta li ġew leżi d-drittijiet tiegħu a tenur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-korrispettiv l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem.

37. Finlament, ir-rikorrent qed jilmenta wkoll, li ġie deprivat minn vettura peress li din ġiet konfiskata, u għalhekk qed jilmenta li ġie leż l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea

38. Il-Qorti tibda billi tosserva li, kif irrileva l-Avukat tal-Istat, kien fl-obbligu tar-rikorrent li jaderixxi ruħu mal-liġijiet fiskali Maltin, fosthom billi jħallas it-taxxa dovuta fuq l-importazzjoni tal-vettura tiegħu, u dana propju għaliex l-għan wara l-introduzzjoni ta' kull Liġi, fosthom l-Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa li kulħadd għandu josserva l-liġijiet in vigore, u, fil-każ tal-Kap 368, f'każ li persuna ma taderixxix mal-liġi, il-konsegwenza stipulata fil-liġi, hija li jkun hemm ordni tal-konfiska tal-vettura.

39. Għalhekk, il-Qorti tqis illi l-azzjoni meħuda fil-konfront tar-rikorrent kollu sar skond id-dettami tal-liġi, filwaqt illi tosserva li l-Istat għandu d-dritt li jiffissa t-taxxi ippromulgati fil-liġijiet, liema liġijiet għandhom jiġu osservati minn kulħadd – inkluż ir-rikorrent!

40. Il-Qorti tosserva illi l-Awtorità għat-Trasport f'Malta hija marbuta bil-liġi li tiġbor it-taxxa dovuta, u kien l-obbligu tar-rikorrent li jħallas dak dovut bħala taxxa fuq il-vettura impurtata, skont dak provvdutt fl-artikolu 6 u 7 tal-Kap 368, wara li ssir klasifikazzjoni ta' vetturi impurtati f'Malta, sabiex fuqhom tigi ikkalkulata it-taxxa ta' reġistrazzjoni. Fin-nuqqas ta' ħlas ta' taxxa ta' reġistrazzjoni, l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, ma kellhiex triq oħra ħlief li tikkonfiska il-vettura iżda dan sar, skont id-dettami tal-istess liġi ossija il-Kapitolu 368, li jista' jkollha b'mod ċar li l-awtorità tista' żżomm vettura li ma tkunx ġiet reġistrata u imħallsa it-taxxa tar-reġistrazzjoni fuqha, u tordna it-tneħħija ta' l-imsemmija vettura skont l-artikolu 2A(1) tal-Kap 368. Di piu`, l-Awtorita` kellha wkoll id-dritt li tipproċedi kontra r-rikorrent a tenur tal-artikolu 21 (2) tal-Kap 368.

41. Hawnhekk huwa relevanti l-artikolu 2A tal-Kap 368 li jistipula:

> "*2A(1) L-ebda persuna ma għandu jkollha fil-pussess tagħha jew taħt ir-responsabbiltà tagħha xi vettura bil-mutur ma tkunx ġiet irreġistrata mal-awtorità u li fuqha t-taxxa tar-reġistrazzjoni applikabbli ma tkunx tħallset sakemm:*
>
> *(a) dik il-persuna ma tkunx il-manifattur awtorizzat, aġent jew bejjiegħ tal-vetturi bil-mutur, u li l-vettura fil-pussess tagħha, jew taħt ir-responsabbiltà tagħha ma titħalliex wieqfa fit-triq jew ma tkunx qed tiġi użata fuq it-triq, jew*
> *(b) il-vettura tkun reġistrata f'pajjiż ieħor u tkun tista' tintuża temporanjament fit-toroq f'Malta skont l-artikolu 18.*"

42. Dwar l-ilment tar-rikorrent fejn jirrigwarda prinċipalment l-attakk dirett dwar il-kostituzzjonalità tal-Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta' Malta, kif indikati fit-tielet u raba' talba, din il-Qorti tagħmel referenza għal ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, fil-każ **Gasus Dosier-Und Foreartechnik GMBH vs The Netherlands**, (Application number 15375/89) deċiża fit-23 ta' Frar 1995, fejn ġie meqjus li l-ħlas ta' taxxa huwa ġustifikat taħt l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tad-Drittijiet tal-Bniedem, għaliex huwa dritt ta' kull Stat membru li jilleġislaw għall-finijiet ta' taxxi sabiex jassiguraw li l-ħlas tattaxxi għandu jiġi osservat. Għalhekk, il-ħlas ta' taxxa ma għandhiex tiftiehem li tolqot it-tħaddim tal-liġi fejn tipprovdi teħid ta' pussess ta' propjeta'. Dan ifisser li l-liġijiet li jipprovdu għall-ħlas tat-taxxi jridu jiżguraw li l-ħlas ta' taxxi jkun aċċessibbli u prevedibbli, fit-termini użati mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

43. Ikkunsidrati il-fatti u ċirkostanzi ta' dan il-każ, bl-ebda mod ma jista' jingħad li l-liġi li r-rikorrenti qed jattakka permezz tal-proċeduri odjerni, ossija il-Kapitolu 368, mhuwiex konformi mal-kriterji tal-liġi fl-ambitu ta' l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-liġi Ewropea.

44. Għaldaqstant, din il-Qorti hija tal-fehma li ma jeżisti ebda sproporzjon fid-dispożizzjonijiet legali senjatament indikati fil-Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta' Malta.

45. Referibbilment għall-ilment dwar il-konfiska, kif diġà stabbilit, din hija ovvjament maħsuba biex tiżgura l-ħlas tat-taxxi fuq il-vetturi impurtati u għalhekk, ma jistax jingħad li l-ħlas ta' taxxa imposta bil-liġi u l-konsegwenza tal-konfiska tal-vettura f'każ li ma titħallasx it-taxxa, l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

46. Konsegwentement, din il-Qorti ser tiċħad it-tielet u r-raba' talba tar-rikorrent.

47. Dwar l-ilment ta' nuqqas ta' mekkaniżmu biex jikkontesta l-konfiska, kif indikata fil-ħames talba tar-rikorrenti, il-Qorti tibda billi tosserva illi r-rikorrent diġà ipproċeda permezz tal-każ Rikors numru 952/16, fl-ismijiet ***Dr. Dorita Debono nomine vs l-Awtorita` għat-Trasport f'Malta***, deċiż fit-23 ta' Jannar 2020, kontra d-deċiżjoni tal-Awtorita'. Jirriżulta, di fatti, li dan il-każ kien prinċipalment imsejjes fuq l-artikolu 469A1(a)(b)(ii) (iii) u (iv) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn it-talba prinċipali kienet sabiex l-ordni tal-konfiska tal-vettura tar-rikorrent tat-tip Kia Carnival bin-numru tar-reġistrazzjoni 5-1540962, kif ukoll l-ordni biex istess vettura titqiegħed għall-bejgħ bl-irkant, tiġi dikjarata bħala *ultra vires* u kontra l-liġi bħala egħmil amministrattiv.

*48.* F'dan il-kuntest, tajjeb li jiġi ċitat dak id-deċiz f'dak il-każ għaliex huwa ta' relevanza diretta għall-proċedura odjerna:

> *"Illi jibda biex jingħad li minkejja li l-att isemmi numru ta' ċirkostanzi meta persuna tista' tingħata lura l-ħlas tat-taxxa tar-reġistrazzjoni mħallsa fil-każ tal-attur, l-awtorità ma kellhiex is-setgħa mil-liġi li tagħti lura tali rifużjoni billi l-attur ma jikkwalifikax għaliha. Dan ifisser li l-awtorità kellha idejha marbuta bil-liġi li tiġbor it-taxxa dovuta u ma kellha ebda diskrezzjoni li setgħet teżerċita fil-konfront tal-attur. Min-naħa l-oħra, kif sewwa tgħid l-awtorità, kien l-attur innifsu li ġab fuqu dik il-qagħda meta naqas li jirreġistra l-vettura fiż-żmien preskritt wara li ddaħħalha f' Malta u meta beda jinqeda biha u isuqha, meta ma kienx regolarizzat. Dan jistqarr huwa stess, imma jgħid li dan sar bi żvista minħabba l-istat li kien fih dak inhar' u li 'kien nesa japplika minħabba ħsibijiet oħra li kellu minħabba t-trażlokazzjoni u l-għarfien limitat tat-termini tal-liġi Maltija - post ġdid għalih'.*
>
> *Illi dan kollu jixhed li (i) l-awtorità imxiet ma' dak li tipprovdi l-liġi u ma intweriex li hija marret lil hinn minn dak preskritt. Kemm hu hekk l-attur jilmenta mill-fatt li l-awtorità imxiet 'ad unguem' mad-dispożizzjonijiet tal-liġi waqt li kienu għaddejjin taħdidiet bejnu u bejnha. Iċ-ċirkostanzi fuq imsemmija juru wkoll li (ii) fid-dispożizzjonijiet relevanti hi l-liġi tippreskrivi l-awtorità ma wettqet l-ebda diskrezzjoni imma ħadmet l-istess dispożizzjonijiet. Fuq kollox ħareġ ukoll, (iii) li dak li għadda minnu l-attur proprju kien il-frott ta' nuqqas min-naħa tiegħu, li nissel il-konsegwenzi li il-liġi taħseb għalihom, qajla għalhekk jista' jingħad li l-awtorità trid taqta' ħtija għal ħsara li jgħid li ġarrab jekk kulma għamlet kien li ħadmet il-liġi."*

Fl-istess każ, kompla jingħad is-segwenti:

> *"Illi sa fejn l-attur jgħid li l-każ tiegħu jinbena fuq l-inkostituzzjonalità ta' l-egħmil amministrattiv, din il-qorti taħseb li l-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju*

*imnedija minnu mhijiex il-mod kif ilment bħal dak ikun mistħarreġ. Illum il-ġurnata huwa aċċettat, li għalkemm il-fatt li bih tinbena kawża isiru referenzi għall-ksur ta' jeddijiet fundamentali, u għalkemm il-qorti trid tħares id-drittijiet kollha magħduda dawk li jħarsu d-drittijiet fundamentali, xorta waħda tgħid li proċeduri li jinbdew quddiemha, għandhom jitqiesu li huma proċeduri istitwiti taħt il-liġi ordinarja, u mhux taħt il-proċedura li tirregola kawżi dwar drittijiet fundamentali tal-bniedem. Jingħad ukoll, li azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju m' għandhiex tieħu l-post u lanqas titqies bħallikieku kienet azzjoni kostituzzjonali. Minbarra dan ir-rimedju li jista' jingħata f' kawża kostituzzjonali, jidher li jkun usa minn dak li jista' jingħata lir-rikorrenti f'kawża bħal din jiġifieri dak ta' stħarriġ ġudizzjarju.*

*Illi fit-tieni lok, il-qrati urew li huma disposti li jikkunsidraw ilmenti relatati mad-drittijiet fundamentali f'każ fejn m'hemmx rimedju ieħor. Is-setgħat li l-liġi tagħti lill-qrati f'azzjonijiet bħal din, iridu jitwettqu fil-parametri preċiżi li tistabbilixxi l-liġi speċjali. Min-naħa l-oħra, fejn din il-qorti tissejjaħ biex twettaq is-setgħa tagħha li tistħarreġ ghemil ta' xi awtorità pubblika, u x'aktarx minħabba li dan l-istħarriġ huwa r-rimedju waħdieni li jingħata lil min iħossu imġarrab b'dak l-ghemil, ll din għandha twettaq sa fejn possibbli u sa fejn il-liġi ma teskludihx milli tindaħal, u għandha tagħti lill-esklużjoni tifsira mill-idjaq kontra li terħi milli twettaq is-setgħat tagħha.*

*Illi fit-tielet lok, il-qorti tqis li l-azzjoni ordinarja ta' stħarriġ ġudizzjarju, u dik straordinarja ta' ilment dwar ksur ta' jedd fondamentali, ma jmorrux flimkien. Il-qrati tagħna diġà stħarrġu il-kwistjoni u kienu ġeneralment ċari dwarha.*

*Illi bilkemm għandu għalfejn jingħad li azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma tistax tistħarreġ liġi, billi liġi ma tista' bl-ebda mod tinġabar taħt it-tifsira ta' egħmil amministrattiv.*

*Illi dan kollu jfisser li fl-għamla ta' azzjoni mibdija mill-attur, din il-qorti ma tistax tqis l-ilmenti tiegħu dwar allegati ksur tal-jeddijiet fondamentali tiegħu bħala dawk li jaqgħu taħt egħmil amministrattiv, li jikser il-Kostituzzjoni għall-finijiet tal-artikolu 469A(1)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan bla ħsara għal kull jedd ta' kisba ta' rimedju ieħor spettanti lilu f' sede oħra."*

49. Jirriżulta illi l-Avukat tal-Istat, fir-risposta tiegħu eċċepixxa, li dan l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni japplika biss għall-proċeduri li jkunu diġà inbdew quddiem qorti u mhux għal proċeduri amministrattivi, fejn saħaq illi d-deċiżjoni kkontestata mir-rikorrent, mhumiex klassifikati bħala deċiżjoni minn 'tribunal indipendenti u imparzjali' jew 'qorti jew awtorità oħra ġudikanti' kif indikati fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

50. Il-Qorti hawnhekk tosserva li l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi dan li ġej:

*“Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta’ xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smiegħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali imwaqqaf b’liġi...."*

51. Illi skont l-awturi **Harris, O'Boyle & Warbrick**, fil-ktieb "Law of the European Convention on Human Rights"

"*A number of specific rights have been added to Article 6(1) through the medium of its 'fair hearing' guarantee. The first of these to be established were ' equality of arms' and the right to a hearing in one's presence. A breach of such a specific right may itself amount to a breach of the right to a 'fair hearing' without any need to consider other aspects of the proceedings. As noted, in cases not involving a breach of a specific right, the Court may nonetheless find a breach of the right to a 'fair hearing on a 'hearing as a whole' basis".*

52. Dan ġie rikonoxxut u applikat mill-Qorti Ewropea, ad eżempju, fil-każ fl-ismijiet **Arrigo and Vella v Malta** fejn ġie ribadit li :

*"The Court recalls that the question whether or not court proceedings satisfy the requirements of Article 6 § 1 of the Convention can only be determined by examining the proceedings as a whole, i.e. once they have been concluded. However, it is not impossible that a particular procedural element could be so decisive that the fairness of the proceedings could be determined at an earlier stage (see R.D. v. Spain, no. 15921/89, Commission decision of 1 July 1991, Decisions and Reports (DR) 71, pp. 236, 243244). The Court, noting that the criminal proceedings in question have not yet been completed, finds that the applicants' submissions do not disclose any such circumstances (see Putz v. Austria, no. 18892/91, Commission decision of 3 December 1993, DR 76-A, pp. 10 ta' Mejju 2005 - ECHR - "FOURTH SECTION DECISION AS TO THE ADMISSIBILITY OF Application no. 6569/04by Noel ARRIGO and Patrick VELLA against Malta."*

53. Illi fil-każ **Dimech v Malta** deċiż fit-2 ta' April 2015, fejn il-Qorti Ewropea tenniet :

*"1. The Court notes that according to its constant case-law, the question whether or not court proceedings satisfy the requirements of Article 6 § 1 of the Convention can only be determined by examining the proceedings as a whole, that is, once they have been concluded. However, the Convention organs have also held that it is not impossible that a particular procedural element could be so decisive that the fairness of the proceedings could be determined at an earlier stage (see, inter alia, X. v. Norway, Commission decision of 4 July 1978, Decisions and Reports (DR) 14, p. 228; Bricmont v. Belgium, 7 July 1989, Series A no. 158; Papadopoulos v. Greece, (dec.), no. 52848/99, 29 November 2001; Arrigo and Vella v. Malta (dec.), no. 6569/04, 10 May 2005 and Pace v. Malta (dec.), no. 30651/03, 8 December 2005). At the same time, the Convention organs have also consistently held that such an issue can only be determined by examining the proceedings as a whole, save where an event or particular aspect may have been so significant or*

> *important that it amounts to a decisive factor for the overall assessment of the proceedings as a whole – pointing out, however, that even in those cases it is on the basis of the proceedings as a whole that a ruling should be made as to whether there has been a fair hearing of the case (see, inter alia, X v. Switzerland, no. 9000/80, Commission decision of 11 March 1982, DR 28, p. 127; B v. Belgium, Commission decision of 3 October 1990, DR 66, p. 105; Cervero Carillo v. Spain, (dec.), no. 55788/00, 17 May 2001; Mitterrand v. France (dec.) no. 39344/04, 7 November 2006 and more recently, De Villepin v. France (dec.), no. 63249/09, 21 September 2010)."*

54. Fil-każ odjern, jirriżulta li r-rikorrent ippreżenta każ ta' stħarriġ ta' egħmil amministrattiv kontra l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, il-kawża 952/16JRM, li diġà saret referenza ampja għad-deċiżjoni mogħtija. Jirriżulta illi f'dik il-kawża, ġie mistħarreġ għemil amministrattiv tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, u ġie deċiż, b'mod ċar, li ma nstabx li kien hemm ksur ta' egħmil amministrattiv, iżda li dak li ġara kien kollu attribwibbli għan-nuqqasijiet tar-rikorrent billi huwa ma ħallasx it-taxxa dovuta fuq il-vettura impurtata, u b'hekk seħħet il-konfiska tal-vettura.

55. Dana kollu juri illi r-rikorrent, a differenza ta' dak minnu allegat, mhux biss kellu, iżda talli bbenefika wkoll minn mekkaniżmu biex jikkontesta l-għemil amministrattiv tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta bil-mekkaniżmu ta' stħarriġ ta' għemil amministrattv ai termini tal-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

56. Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi, għal dak li jirrigwarda l-ħames talba, b'ebda mod ma jirriżulta li l-ilment ibbażat fuq l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea huwa ġustifikat.

57. Għaldaqstant, il-Qorti ser tiċħad ukoll il-ħames talba tar-rikorrent.

58. Dwar nuqqas ta' rimedji, r-rikorrent, permezz tas-seba' talba, isostni li huwa sofra vjolazzjoni ta' dritt fundamentali taht l-artikolu 13 ta' l-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319), billi huwa ma kellux rimedju effettiv ghal-lanjanzi tiegħu taht il-Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta' Malta.

59. Dwar id-dritt għal rimedju effettiv, din il-Qorti tqis illi jkun opportun tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Kudla vs Poland** deċiża fis-6 ta' Ottubru 2000, fejn il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, irrilevat is-segwenti:

> *"The effect of article 13 is thus to require the provision of a domestic remedy to deal with the substance of an 'arguable complaint' under the Convention and to grant appropriate relief.*
>
> *The 'effectiveness' of a 'remedy' within the meaning of Article 13 does not depend on the certainty of a favourable outcome for the applicant. Nor does the 'authority' referred to in that provision necessarily have to be a judicial authority, but if it is not, its powers and the guarantees which it affords are relevant in determining whether the remedy before it is effective. Also, even if a single remedy does not by itself entirely satisfy the requirements of Article 13, the aggregate of remedies provided for under domestic law, may do so."*

60. Applikat dak fuq indikat għall-każ odjern, jidher ċar li mhuwiex minnu meta r-rikorrent qed jilmenta li m' għandux rimedju effettiv. Huwa kellu kemm rimedju speċifiku, billi ipproċeda b'kawża dwar stħarriġ ta' egħmil amministrattiv. Jidher evidentement li huwa ma appellax mid-deċiżjoni fil-kawża ir-rikors numru 952/2016JRM. Inoltre`, kellu wkoll ir-rimedju ġenerali li jipproċedi kif fil-fatt għamel, permezz tal-każ odjern, sabiex jiġi mistħarreġ jekk effettivament kienx hemm ksur tad-drittijiet tiegħu jew le. Għalhekk, l-ilment tar-rikorrent a tenur ta' l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea mhuwiex ġustifikat.

61. Konsegwentement, tiċħad is-seba' talba tar-rikorrent.

**<u>Dewmien tal-proċeduri 952/2016 deċiża fit-23 ta' Jannar 2020</u>**

62. Din il-Qorti ser tikkunsidra issa is-sitt talba tar-rikorrent liema ilment jikkonċerna id-dewmien fl-għoti tas-sentenza rikors numru 952/2016, Dr. Dorita Debono nomine vs l-Awtorita` għat-Trasport f'Malta.

63. Jiġi osservat fl-ewwel lok, li f'dak il-każ ġie ippreżentat fl-24 ta' Ottubru 2016. Jirriżulta mill-atti ta' dak il-każ li l-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet finali tal-partijiet fil-15 ta' Novembru 2017, wara li ngħalqu l-provi tal-partijiet, u s-sentenza ngħatat fit-23 ta' Jannar 2020.

64. Il-Qorti tosserva li, wara li qieset l-atti proċesswali, in-natura u l-kumplessità ta' dak il-każ, kif ukoll in vista tal-konsiderazzjoni ġenerali tal-atti ta' dak il-każ, inkluż l-imġieba proċesswali tal-partijiet, u l-mod kif il-proċeduri ġew trattati u kondotti, hija tqis illi ma kien hemm l-ebda irraġonevolezza ta' żmien, u tqis illi, għalkemm kull każ għandu jitqies skont il-fattispeċje tiegħu, it-terminu meħud fil-każ odjern biex tiġi deċiża dik il-kawża ta' natura ta' stħarriġ ġudizzjarju ma jistax jingħad li huwa eċċessiv.

65. Konsegwentement, tiċħad is-sitt talba tar-rikorrent.

66. In vista ta' tali konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis illi t-talbiet kollha tar-rikorrenti, għajr għall-ewwel tnejn illi ġia ġew sorvolati, għandhom jiġu lkoll miċħuda.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali kollha ppreżentati quddiemha;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tar rikorrent, u tal-Avukat tal-Istat, u tal-Awtorita' għat-Trasport.

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza billi:

Tiddikjara li l-Awtorita` għat-Trasport f'Malta mhijiex il-leġittimu kontradittur.

**Tilqa’** l-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-Avukat tal-Istat.

**Tiċħad** it-talbiet kollha tar-rikorrent, kif fuq aħjar deskritt.

L-ispejjeż kollha għandhom ikunu a kariku tar-rikorrent.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur